# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Diċembru, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1124/2011/2 SM**

**Sergio Manchè**

**v.**

**Carmel sive Charles Grech u b'Digriet tat-28 ta' Ġunju 2023 Jeremy Charles Grech assuma l-atti wara l-mewt ta' Carmel sive Charles Grech**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Frar 2020 li ċaħdet eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut kif ukoll mis-sentenza fil-mertu deċiża fit-30 ta' Novembru 2024.

2. Il-partijiet kienu jmexxu negozju flimkien li, għall-għanijiet tat-Taxxa fuq id-Dħul u tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kien irreġistrat fuq isem l-attur. Fit-12 ta' Settembru 2005 laħqu ftehim mal-awtoritajiet relattivi illi jħallsu taxxa, b'kollox, ta' €39,489.87. Bejniethom imbagħad il-partijiet ftehmu li jaqsmu l-ħlas hekk: l-attur iħallas €25,932.91 u l-konvenut iħallas €13,556.95.

3. L-attur jgħid illi hu ħallas sehemu iżda l-konvenut ma ħallasx. Minħabba f'hekk l-attur kellu jħallas dak li naqas milli jħallas il-konvenut; ħallas bin-nifs u l-aħħar ħlas għamlu fis-6 ta' Lulju tal-2010. Hemm ukoll xi mgħaxijiet u multi li għadhom pendenti. L-attur jgħid illi b'hekk hu ġarrab u qiegħed iġarrab danni, u, billi għalxejn sejjaħ lill-konvenut biex jagħmel tajjeb, fetaħ din il-kawża tal-lum u talab illi l-Qorti:

> "1. tiddikjara lill-intimat Carmel sive Charles Grech inadempjenti fl-obbligi kontrattwali minnu assunti a favur ir-rikorrent ai termini tal- iskrittura datata 12 ta' Settembru 2005 u li b'konsegwenza ta' tali inadempjenza r-rikorrent sofra danni, konsistenti fi ħlasijiet li l-istess rikorrent kien kostrett iħallas lid-Dipartiment tal-VAT oltre multi u mgħaxijiet li akkumulaw u għadhom qed jakkumulaw ulterjorment kif premess, ghal liema danni huwa unikament responsabbli l-intimat;
>
> »2. tillikwida, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni subiti mir-rikorrent ai termini tat-talba precedent! konsistenti inter alia fl- ammont ta' ħdax-il elf mija tlieta u tletin liri Maltin (Lm11,133), illum ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin elf, disa' mija tnjen u tletin euro wieħed u disgħin ċenteżmu (€25,932.91) rappreżentanti ħlasijiet li l- istess rikorrent kien kostrett iħallas lid-Dipartiment tal-VAT kif premess, kif ukoll multi u mgħaxijiet li akkumulaw u għadhom qed jakkumulaw ulterjorment fuq l-istess ammonti kif premess;
>
> »3. tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas id-danni likwidati ai termini tat-talba preċedenti konsistenti fl-ammont ta' ħdax-il elf, mija tlieta u tletin liri Maltin (Lm11,133], illum ekwivalenti ħamsa u għoxrin elf, disa' mija tnjen u tletin euro wieħed u disgħin ċenteżmu (€25,932.91) rappreżentanti ħlasijiet li l-istess rikorrent kien kostrett iħallas lid- Dipartiment tal-VAT kif

> premess, kif ukoll multi u mgħaxijiet li akkumulaw u għadhom qed jakkumulaw ulterjorment fuq l-istess ammonti hekk kif likwidat."

4. Id-difiża tal-konvenut kienet din:

> "1. Id-danni reklamati huma preskritti bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-Art. 2153 u/jew bid-dekors ta' ħames snin a tenur tal-Art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.
>
> 2. M'għandu jagħti xejn lill-attur. Anzi, huwa l-attur huwa debitur tiegħu għal ammonti kbar ta' flejjes għaż-żmien li kienu jinnegozjaw flimkien."

5. Fit-23 ta' Ottubru 2013, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-Art. 2153.

6. L-attur appella mis-sentenza.

7. B'sentenza tal-5 t'Ottubru 2018, din il-Qorti laqgħet l-appell u bagħtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smigħ wara li rraġunat hekk:

> "10. Fil-każ tallum l-attur effettivament ħallas dejn ta' ħaddieħor. Billi ħallas għax kien hu ukoll obbligat mal-konvenut għall-ħlas tad-dejn, u kellu interess iħallsu, seħħet ipso iure surroga favur tiegħu. Dan il-fatt ma jibdilx in-natura tad-dejn; billi wieħed iħallas id-dejn ta' ħaddieħor ma jibdilx għall-agħar il-kondizzjoni ta' dak il-ħaddieħor. Li jiġri hu illi min iħallas jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur. Għalhekk, il-preskrizzjoni favur il- konvenut – li bdiet minn dakinhar li nħoloq id-dejn favur il-kreditur – ma nkisritx u ma bdietx tgħaddi mill-ġdid, iżda kompliet għaddejja. Id-*dies a quo* mela huwa dak ta' meta nħolqot l-obbligazzjoni tal-konvenut favur il-kreditur oriġinali, viz. mit-12 ta' Settembru 2005, mhux għax dakinhar sar il-ftehim bejn l-attur u

l-konvenut iżda ghax dakinhar sar il-ftehim mad-dipartiment u dakinhar inħolqot l-obblig- azzjoni favur id-dipartiment

11. L-argumenti mressqa mill-attur appellant dwar id-*dies a quo* huma għalhekk irrelevanti.

12. Dan ifisser ukoll, iżda, illi s-sentenza appellata hija ħażina, mhux minħabba l-argument tad-*dies a quo*, iżda għax l-azzjoni għall-ħlas tat-taxxa ma tintlaqatx bl-art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili iżda b'dispożizzjonijiet oħra tal-liġi. Il-qorti sejra għalhekk tħassar is-sentenza appellata, għalkemm mhux għar-raġunijiet mogħtija mill-attur, bla ħsara għal kull jedd li jista' jkollu l-konvenut taħt l-art. 2112 tal-Kodiċi Ċivili.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ."

8. Meta l-kawża kienet riappuntata mill-ġdid għas-smigħ fil-15 ta' Ottubru 2019 quddiem l-Ewwel Qorti, l-konvenut ressaq eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skont l-Art. 2156 (g) tal-Kodiċi Ċivili.

9. B'sentenza preliminari tal-4 ta' Frar 2020, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri u ordnat il-prosegwiment tal-kawża wara li rraġunat hekk:

"Fatti

8. Jirriżulta, mill-atti proċesswali, illi x-xhieda ppreżentati sa issa kienu dawk tar- rikorrent stess, Sergio Manche, mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2012, u dik ta' Connie Azzopardi, bħala rappreżentanta tal-Legal Office tad-Dipartiment tal-VAT, mogħtija fit-18 ta' April 2013.

9. Jirriżulta, minn tali xhieda kif ukoll minn dokumentazzjoni prodotta, illi l-partijiet kienu bi sħab fin-negozju bejn is-snin 1998 u is-sena 2004, fejn l-intimat kien jimporta oġġetti għall-bejgħ minn barra filwaqt illi r-rikorrenti kien ibiegħ uħud minn dawna l-oġġetti fil-ħanut tiegħu.

10. Jirriżulta wkoll illi l-intimat, illi ma kellux Reġistrazzjoni tal-VAT tiegħu, kien, bi ftehim mar-rikorrent, jagħmel użu min-numru tal-VAT tar-rikorrenti, u eventwalment il-partijiet kienu jaqsmu bejniethom il-VAT dovuta minn kull wieħed minnhom skond ix-xogħol tagħhom.

11. Jirriżulta illi meta spiċċaw fis-sena 2004, jidher illi kien hemm pendenzi mad- Dipartiment tal-VAT, kif ukoll kien hemm Taxxa dovuta, riżultat ta' investigazzjonijiet illi saru fuqhom it-tnejn mit-Tax Compliance Unit.

12. Jirriżulta illi, eventwalment, fit-12 ta' Settembru 20051, wara li kienet saret l- investigazzjoni fuqhom, intlaħaq ftehim bejn il-partijiet illi biha qablu li jagħmlu'joint assessment' li kienet tinkludi l-VAT kif ukoll it-Taxxa dovuta mit-tnejn flimkien, liema ftehim ġie aċċettat mit-Tax Compliance Unit.

13. Jirriżulta wkoll illi bejniethom, il-partijiet kienu qablu kif kellhom jaqsmu il- ħlasijiet tas-somma komplessiva tax-taxxa u VAT dovuta2, fejn mill-ammont komplessiv ta' Lm16,953 dovuta, ir-rikorrent kellu jħallas is-somma ta' Lm5,819 filwaqt illi l-intimat kelu jħallas l-ammont ta' Lm11,133.

14. Jirriżulta illi filwaqt li r-rikorrent ħallas l-ammont minnu miftiehem, l-intimat ma ħallas xejn minn dak dovut.

15. Jirriżulta illi is-somma Lm15,566, mis-somma ta' Lm16,953 fuq imsemmija, kienet VAT illi kellha titħallas fuq in-numru tar-Reġistrazzjoni tal-Vat tar-rikorrent, liema numru huwa baqa' jagħmel użu tiegħu fil-ħanut tiegħu, illi huwa baqa' jopera meta spiċċaw jaħdmu flimkien.

16. Jirriżulta illi, in vista tal-fatt illi l-intimat kien naqas milli jħallas is-sehem tiegħu tal-ammont dovut, kif fuq indikat, l-awtoritajiet tal-VAT bdew jiġru wara r- rikorrent għall-ħlas tal-VAT u multi kif ukoll imgħax skond il-Liġi bdew jakkumulaw fuq tali ammont.

17. Jirriżulta illi, bħala riżultat ta' tali aġir ta' l-intimat, ir-rikorrent kien kostrett illi jasal fi ftehim mal-Awtoritajiet tal-VAT, sabiex iħallas ukoll is-sehem illi kien obbliga ruħu li jħallas l-intimat, u dana sabiex jevita multi u imgħax ulterjuri kif ukoll azzjoni legali kontra tiegħu, kif ukoll sabiex jassikura illi seta jkompli jopera bin-numru tal-VAT tiegħu, fil-ħanut tiegħu.

18. Jirriżulta illi, skond ir-rikorrent, huwa ħallas tali ammont permezz ta' pagamenti rateali, l-aħħar pagament ikun ta' Lm1,200 imħallas fis-sitta (6) ta' Lulju 2010.

Kwistjoni legali

19. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendi illi, la darba huwa ħallas l-ammont illi kien obbliga li jħallas l-intimat, l-intimat għandu jirrifondilu dak illi huwa ħallas.

20. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra, l-intimat qiegħed jikkontendi illi l-azzjoni tar- rikorrenti hija preskritta bil-preskrizzjoni kwinkwennali, in vista tal-fatt illi l-ftehim sar fit-12 ta' Frar 2005 u illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolta fil-15 ta' Novembru 2011.

Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti

21. Jirriżulta mhux ikkontestat mill-intimat fid-difiża tiegħu illi bejn is-sena 1998 u is- sena 2004, il-partijiet kienu qed joperaw bi sħab bejniethom, u għalhekk, kwalsiasiflejjes dovuti lil terzi, inkluż lill-awtoritajiet fiskali, kienu flejjes dovuti flimkien u in solidum bejniethom.

22. Jirriżulta, di fatti, illi l-intimat jikkontendi li, riżultat tan-negozju tagħhom, kien ir- rikorrent li kellu jagħtih ammonti kbar ta' flus, u għal dan il-għan kien għamel kawża kontra l-istess rikorrent.

23. Jirriżulta, mix-xhieda tar-rikorrent mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2012, u korroborata minn dik tar-Rappreżentant tal-VAT, Connie Azzopardi, mogħtija fit-18 ta' April 2013, illi riżultat tan-nuqqas ta' pagament da parte ta' l-intimat, il-bilanċ dovut mir- rikorrenti, bħala "propretarju" u persuna responsabbli tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT illi l-partijiet kienu jadoperaw fin-negozju flimkien tagħhom, kien qiegħed jiżdied konsiderevolment u għalhekk ir-rikorrent kien obbligat illi jħallas is-sehem li kellu jħallas l-intimat, sabiex inaqqas il-multi u l-imgħax u, partikolarment, sabiex jevita proċeduri legali kontra tiegħu.

24. Il-Qorti, fl-isfond ta' dak fuq espost, hawnhekk tagħmel referenza għall-Artikolu 2158 tal-Kap 16, illi jipprovdi s-segwenti:
"Il-preskrizzjonjiet imsemmmija fl-artikolu 2147 sa l-2157 jistgħu jiġu eċċepiti kontra dak li jkun ħallas għad-debitur, minbarra minn meta l-ħlas ikun sar fuq talba tad-debitur inniffsu, jew bi ftehim mad-debitur inniffsu, jew meta dak li ħallas kien, bħala garanti, jew bħala debitur in solidum, jew għal skopijiet oħra, jew għal ragunijiet oħra, obbligat iħallas."

25. Minn qari akkurat tal-artikolu tal-Liġi fuq indikat, jirriżulta illi meta wieħed ikun ħallas għall-persuna oħra, japplikaw ukoll għalih ir-regoli tal-preskrizzjoni. Madanakollu, jeżistu eċċezzjonijiet għall-tali regola, ossija tlieta, illi huma s- segwenti:

a. Jekk il-ħlas ikun sar fuq talba tad-debitur
b. Jekk il-ħlas sar bi ftehim mad-debitur inniffsu
c. Jekk dak li ħallas, bħala debitur in solidum, kien obbligat iħallas.

26. Mill-provi kif prodotti quddiem dina l-Qorti, u ġia' diskussi aktar il-fuq, jirriżulta illi d-dejn ta' Lm16,953 dovut lit-Taxxa u l-VAT kien dejn konġunt taż-żewġ partijiet, u għalhekk kien dejn in solidum bejniethom.

27. Mill-istess provi, jirriżulta li, minħabba fil-fatt illi r-rikorrent kien għadu qed jagħmel użu minn-numru tal-VAT u minħabba fil-multi u imgħax illi kienu qed jakkumulaw riżultat tan-nuqqas tal-ħlas da parte ta' l-intimat, huwa kien obbligat li jħallas is-sehem li kellu jħallas l-intimat, stante illi kieku ma għamilx dan, huwa ċertament kien jinkorri penalitajiet ulterjuri u eventwali proċeduri kriminali.

> 28. Jirriżulta, għalhekk, illi fil-każ odjern, iż-żewġ elementi rikjesti fl-Artikolu 2158 tal-Kap 12, ossija debitur in solidum u obbligat li jħallas, japplikaw għall-każ odjern, bir-riżultat illi, għalhekk jiskatta dak ipprovdut fl-Artikolu 2158 illi jipprojbixxi l-użu tal-preskrizzjoni imsemmija mill-artikolu 2147 sa l-2157.
>
> 29. Jirriżulta, għalhekk, illi l-preskrizzjoni imqajjma mill-intimat, ossija dik tal- Artikolu 2156 (g) tal-Kap 12 ma tistax titqajjem.

10. B'sentenza finali tat-30 ta' Novembru 2023 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut; laqgħet it-talbiet tal-attur u kkundannat lill-konvenut iħallsu €15,331.71 bl-imgħax mill-15 ta' Marzu 2012 'l quddiem.

11. Il-konvenut appella mis-sentenza preliminari tal-4 ta' Frar 2020 kif ukoll mis-sentenza definittiva tat-30 ta' Novembru 2023.

12. L-attur ġie notifikat bir-rikors tal-appell bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni, iżda ma ppreżentax risposta tal-appell.

13. Id-doljanzi **mis-sentenza preliminari** tal-4 ta' Frar 2020 huma dawn:

14. **L-ewwel Aggravju:** L-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata ulterjorment fuq l-argument illi l-Art. 2158 tal-Kap 12 jimpedixxi l-użu tal-preskrizzjonijiet imsemmijin mill-Art. 2147 sa 2157 tal-istess kodiċi u dan peress illi skont l-Ewwel Qorti fil-każ in diżamina japplikaw iż-żewġ elementi ta' solidarjetà u obbligazzjoni ta' ħlas. Dan l-

argument ma ġiex sottomess mill-attur appellat fit-trattazzjoni tiegħu tant li l-avukat tiegħu ma semma' xejn minn dan il-punt legali fit-trattazzjoni finali. Ħadd mill-partijiet m'għandu jkun sorpriż b'deċiżjoni bbażata fuq fatti jew difiżi mhux dedotti jew ippruvati u li dwarhom il-partijiet ma kellhomx lanqas il-possibilità li jirreaġixxu bil-prontezza u fil-mument opportun għalihom.[1] L-appellant għalhekk mhux biss ġie sorpriż b'argument tal-Qorti stess li sabu fis-sentenza attakkata, iżda wkoll ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq għax ma setax jirrispondi għalih. Anzi, jrid jingħad li kien biss l-attur appellat li kien reponsabbli vis-à-vis id-Dipartiment tal-VAT għax in-numru tal-VAT li kien jintuża kien tiegħu, u d-Dipartiment seta' allura jipproċedi biss kontra l-appellat.

15. Din il-Qorti tqis li jgħodd għal dan l-ilment it-tagħlim tal-**Professur Victor Caruana Galizia:**

> *"It is the duty of the parties, in instructing the question of law, to show to the judge the law existing in favour of their respective views; it is, however, also the duty of the Judge, with reference to questions of law, to make good the mistakes or deficiencies of the parties:* iura novit curia*. It is, therefore, the duty of the Judge to examine all the juridical aspects of the case:* narra mihi factum, narra tibi jus*. In performing these functions the Judge does not require the initiative of the parties, who, on the contrary, cannot exercise coercive means on his inquiries."*

16. Dan il-bran min-noti tal-għaref professur, juri kif l-Imħallef għandu d-dmir li jsib in-normi ġuridiċi applikabbli għall-fattispeċje konkreta sottoposta għall-eżami tiegħu, u li f'dan l-eżerċizzju jista' jibbaża d-

[1] **Perit Carmel Mifsud Borg v Kurt Farruġia** – 11.12.2009, QA.

deċiżjoni tiegħu fuq prinċipji tad-dritt differenti minn dawk imressqin b'mod żbaljat mill-partijiet. Min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju jrid jiġi kkorrelat mal-prinċipju l-ieħor li l-Imħallef ma jistax jippronunzja lil hinn mil-limiti tad-domanda u tal-eċċezzjoni mressqin mill-partijiet, billi jbiddel il-fatti kostituttivi, impedittivi jew dawk estintivi tat-talba, jew jiddeċiedi fuq kwistjonijiet li ma ffurmawx oġġett tal-ġudizzju. Il-linja ta' demarkazzjoni bejn dawn iż-żewġ prinċipji mhix waħda faċli u hija oġġett ta' dibattitu akkanit fid-duttrina u fil-ġurisprudenza.

17. Il-kodiċi tal-proċedura tagħna, permezz tal-Art. 732A, jagħti direzzjoni parzjali f'din id-dilemma billi jistabbilixxi li fejn il-liġi tagħti lill-Qorti l-fakultà li tqajjem eċċezzjoni *ex officio*, il-Qorti m'għandhiex taqbad u tqanqalha fis-sentenza iżda għandha tgħarraf biha lill-partijiet u tagħtihom l-opportunita` jressqu l-provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet dwarha. Naturalment fl-ebda każ ma tista' l-Qorti tqanqal eċċezzjonijiet li ma tistax tqanqal *ex officio*.

18. Il-kelma "eċċezzjoni" tingħata diversi tifsiriet. Il-Kap. 12 ma jagħtix definizzjoni ta' "eċċezzjoni". B'danakollu jsemmi u jirregola għadd ta' eċċezzjonijiet.

19. Skont il-Mattirolo, fis-sens l-iktar wiesa' u naturali tagħha, l-eċċezzjoni tinkludi kull tip ta' difiża li l-konvenut iressaq kontra t-talba tal-

attur. Difiża li bilfors toħroġ minn difett fl-azzjoni. Id-difett jista' jkun jew dwar id-dritt sostantiv imħares mill-azzjoni, jew dwar il-mod kif tkun saret il-kawża.

20. L-argumenti li tista' ġġib il-Qorti fl-applikazzjoni tan-normi tal-liġi għall-fattispeċje tal-każ **biex tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-konvenut **mhumiex huma stess eċċezzjonijiet**, lanqas fit-tifsira wiesa' tagħhom. Kif sewwa osservat ftit ilu sessjoni differenti ta' din il-Qorti:

> "22. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, li ebda qorti m'għandha xi obbligu bil-liġi li toqgħod tgħarraf lill-konvenut minn qabel li jista' jkun hemm problemi bil-linji difensjonali illi huwa jkun ħaddan fir-risposta maħlufa tiegħu. Tassew mhuwiex l-irwol tal-qorti li qabel is-sentenza tagħha toqgħod tiftaħ għajnejn il-konvenut li l-eċċezzjonijiet tiegħu jistgħu jkunu ma jaqblux ma' xulxin jew li l-eċċezzjonijiet tiegħu jafu jkunu ġew meruti bil-provi li jkunu ġew imressqa mill-attur jew mill-konvenut stess waqt il-kawża.
>
> 23. Il-konvenut jaf x'linji difensjonali jkun ressaq għaliex dawn ikunu ġew miktuba minnu stess fir-risposta maħlufa. Konvenut għalhekk ma jistax jistagħġeb jew jibqa' sorpriż jekk kemm-il darba qorti ssib fis- sentenza finali tagħha li eċċezzjoni tiegħu ma tkunx tista' tintlaqa' minħabba li din tkun ġiet newtralizzata b'eċċezzjoni oħra li tkun ġiet imressqa minnu. Huwa naturali li wieħed jistenna li qorti għandha tistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut fid-dawl ta' kif dawn ikunu ġew miktuba fir-risposta maħlufa."

21. Dak li għamlet l-Ewwel Qorti kien li, tajjeb jew ħażin, wettqet dmirha billi applikat norma (Art. 2158 tal-Kodiċi Ċivili) li fil-fehma tagħha kienet tapplika għall-każ, anke jekk il-partijiet ma kinux qanqluha. B'daqshekk la kienet qiegħdha tqajjem xi eċċezzjoni u lanqas kienet qiegħdha tqajjem xi "kwistjoni" ġdida, kif jallega l-appellant.

22. Dan l-aggravju ma jiswiex u qiegħed jiġi miċħud.

23. **It-tieni aggravju** huwa li l-iskrittura tgħid li kulħadd iħallas il-parti tiegħu. Din mhix obbligazzjoni solidali. Is-solidarjetà għandha tkun miftehma espressament jekk ma tkunx stabbilita mil-liġi (Art. 1089 Kodiċi Ċivili).

24. Art 2158 jeskludi l-preskrizzjoni kontra dak li jkun ħallas għad-debitur għal għadd ta' raġunijiet, fosthom "meta dak li ħallas kien, bħala garanti, jew bħala debitur *in solidum*, **jew għal skopijiet oħra, jew għal raġunijiet oħra**, obbligat iħallas." F'paragrafu 27 tas-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti semmiet li l-attur kien kostrett iħallas sehem il-konvenut għaliex in-numru tal-VAT kien fuq ismu. Imbagħad fil-para. 28 tgħid li l-preskrizzjoni ma tapplikax għaliex l-attur kien "debitur *in solidum* u obbligat li jħallas". Irrispettivament minn jekk kienx hemm solidarjetà jew le, jibqa' l-fatt li l-attur kien kostrett iħallas għal skop jew raġuni oħra u għalhekk l-Art. 2158 huwa xorta waħda applikabbli.

Lanqas dan l-aggravju mhuwa aċċettabbli.

25. **It-tielet aggravju** huwa hekk konċepit: Meta eskludiet li titressaq eċċezzjoni oħra ta' preskrizzjoni skont l-Artikolu 2158 - ħaġa li lanqas il-Qorti tal-Appell ma kienet qalet fl-imsemmija sentenza tagħha – l-Ewwel

Qorti marret kontra dak li kienet ikkonkludiet din il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 2018 li rriservat id-dritt lill-appellant li jressaq eċċezzjoni oħra applikabbli ta' preskrizzjoni.

26. Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tal-5 t'Ottubru 2018, ma qalitx li l-konvenut kellu d-dritt iressaq eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni, iżda ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti "bla ħsara għal kull jedd **li jista' jkollu** l-konvenut taħt l-Art. 2112 tal-Kodiċi Ċivili". Għalhekk m'hemm l-ebda kontradizzjoni kif allegata mill-appellant.

27. Anke dan l-aggravju qiegħed jitwarrab.

28. Din il-Qorti żżid tgħid li anke li kieku l-Art. 2158 mhuwiex applikabbli, xorta waħda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tintlaqa'. Dan għaliex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mhijiex kompatibbli ma' dik tal-ineżistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni. Saħansitra xejn ma jiswa li l-kompensazzjoni tiġi opposta subordinatament u bla preġudizzju tal-preskrizzjoni għaliex bil-fatt tiegħu stess, il-konvenut li jeċċepixxi l-kompensazzjoni jiġi li rrinunzja għall-preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b'sempliċi riżerva. Il-kompensazzjoni hija forma ta' ħlas u wieħed ma jħallasx dejn li jsostni li ġie preskritt. F'din il-kawża, ġie eċċepit li l-attur huwa debitur tal-konvenut għal ammont ikbar ta' flus. Eċċezzjoni

li lanqas hija magħmula subordinatament jew bla preġudizzju għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

29. Id-doljanzi **mis-sentenza finali** tat-30 ta' Novembru 2024 huma dawn:

30. **L-ewwel aggravju** huwa li l-ammont ta' €15,331.71 deċiż mill-Ewwel Qorti huwa eċċessiv. Dan għaliex l-appellant gawda mill-amnestija tal-baġit tal-2012 fuq l-ammont kollu li kien oriġinarjament dovut ta' Lm16,953. It-tnaqqis kellu jitqassam proporzjonalment bejn il-partijiet. Għalhekk l-appellant huwa responsabbli għal €13,757 u mhux għal €15,331.71.

31. Ir-raġuni ma tridx forza u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

32. **It-tieni aggravju** hu li l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-prinċipju ta' tpaċija ma' ammont ekwivalenti li l-attur appellat kellu jagħti lill-appellant bħala parti minn somma ferm akbar kif effettivament irriżulta lill-Ewwel Qorti fil-kawża fl-ismijiet inversi (Rikors Numru 360/2013FDP) u li hija miexja parallela ma' din il-kawża.

33. Jirriżulta l-imsemmija kawża ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Novembru 2023 li kkundannat li Sergio Manchè (l-attur appellat f'din il-kawża), iħallas lil Carmel Grech (konvenut appellant f'din il-kawża), is-somma ta' €319,517 bl-imgħax mid-data tas-sentenza u l-ispejjeż. Mis-sentenza sar appell prinċipali minn Sergio Manche u appell inċidentali minn Charles Grech. It-tnejn ġew iddikjarati deżerti skont l-Art. 964 tal-Kodiċi Ritwali fit-12 ta' Settembru 2024 u fit-28 t'Ottubru 2024 rispettivament. Għalhekk is-sentenza tal-Prim'Awla tat-30 ta' Novembru 2023 għaddiet in ġudikat. Billi issa kull parti għandha kreditu ċert, likwidu u dovut kontra l-parti l-oħra, hemm it-tpaċija *ex lege*. Dan l-aggravju huwa għalhekk milqugħ.

34. Permezz tat-**tielet aggravju**, l-appellant jillanja dwar il-kundanna tal-ħlas tal-imgħax mill-15 ta' Marzu 2012 meta l-ammont attwalment dovut minnu ġie likwidat mill-Qorti fis-sentenza attakkata, u dwar il-kundanna tal-ispejjeż tal-proċeduri odjerni meta l-attur appellat qatt ma kien *in buona fede* dwar dak li effettivament kien ħallas.

35. Dwar l-ispejjeż, ġaladarba l-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur; u din il-Qorti ikkonfermat is-sentenza għajr għal tnaqqis żgħir, m'hemm l-ebda raġuni l-għala l-ispejjeż m'għandux iħallashom il-konvenut appellant.

Lanqas tifhem kif l-attur rebbieħ kien *in mala fede*.

***Decide***

36. Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda tiċħad it-talba biex tiġi mħassra s-sentenza tal-Ewwel Qorti, u tilqa' *in parte* t-talba alternattiva billi tirriformaha billi tnaqqas l-ammont dovut għal tlettax-il elf, seba' mija u seba' u ħamsin ewro (€13,757) b'dan li l-imgħax jibqa' jiddekorri mill-15 ta' Marzu 2012 kif deċiż mill-Ewwel Qorti.

37. Spejjeż tal-Ewwel Istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, spejjeż ta' dan l-appell erbgħa minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) għall-appellant u wieħed minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) għall-appellat.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
jb